MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**SAVIOUR DEMICOLI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2010

Numru 927/2010

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**vs**

**JOHN MIZZI**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet li permezz taghhom John Mizzi ta’ 42 sena iben Manfred u Teresa nee’ Farrugia, mwieled Pieta’ nhar it-22 ta’ Awwissu 1968, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 342268M u residenti numru 28, Trejqet ix-Xileb, Xghajra:

Billi gie akkuzat talli fl-14 ta’ Awwissu 2010 ghall-habta ta’ 09:00hrs, gewwa Trejqet ix-Xilep, Xghajra hebb ghall-

Francis Busuttil detentur tal-karta tal-identita bin-numru 258065M u kkagunalu griehi ta’ natura gravi skond ma iccertifika Dr. Lawrence Ellul mic-Centru Tas-Sahha ta’ Bormla;

U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b’ghajjat u glied;

Rat l-atti u id-dokumenti esebiti.

Rat il-Kunsens ta’ l-Avukat Generali esebit bhala Dok. FF3 u nnutat li l-imputat John Mizzi m’ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Innutat li l-imputat fl-ezami tieghu wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissjoni tieghu u taghtu ftit taz-zmien sabiex jiddeciedi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, u wara li gie mistoqsi jekk jikkonfermax l-ammissjoni tieghu jew le, l-imputat wiegeb li hu hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu.

Innutat li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena.

Rat l-artikoli 17, 339(1)(d), 216 u 338(dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Issib lill-imputat John Mizzi, fuq ammissjoni, hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u tenut kont ic-cirkostanzi kollha tal-kaz inkluzi l-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-kawza, il-fedina penali tal-imputat u li fil-Verbal tas-Seduta tallum l-Ufficjal Prosekutur iddikjara li l-imputat ikkopera bis-shih mal-Pulizija u wara li rat l-artikoli 28A u 28B tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, tikkundanna lill-imputat John Mizzi ghall-piena komplessiva ta’ sitt (6) xhur prigunerija u tmienja u hamsin Euro u tlieta u ghoxrin

centezmi ta’ Euro (Euro 58.23) ammenda u tordna li din is-Sentenza nkwantu ghall-piena ta’ prigunerija m’ghandhiex tibda ssehh hlief jekk matul il-perjodu ta’ sentejn (2) millum l-imputat John Mizzi jikkommetti reat iehor punibbli bi prigunerija.

Il-Qorti, bl-applikazzjoni tal-artikolu 383 tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta’ Malta, torbot lill-imputat John Mizzi b’obbligazzjoni personali ta’ elf u hames mitt Euro (Euro 1500) li jzomm il-kwiet ma’ Francis Busuttil u li jzomm il-bonordni pubbliku ma’ kulhadd ghal zmien sena millum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat John Mizzi l-ispjegazzjoni preskritta fis-sub-artikolu 28A(4) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------